



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 30 ta' Novembru 2022
(OR. en)**

2021/0293 (COD)

PE-CONS 50/22

**TELECOM 365
DIGIT 159
CYBER 292
COMPET 698
RECH 491
PI 114
MI 654
EDUC 310
JAI 1162
ENFOPOL 454
COSI 220
CODEC 1287**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OHTA

**Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi
l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali**

DEĊIŻJONI (UE) 2022/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 194, 12.5.2022, p. 87.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Marzu 2021 intitolata "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" (il-"Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali"), il-Kummissjoni stabbiliet il-viżjoni tagħha għall-2030 biex tagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lin-negozji permezz tat-trasformazzjoni diġitali (id-'Deċennju Diġitali'). Il-perkors tal-Unjoni għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà jenħtieġ li jinkludi (sovranià diġitali) b'mod miftuħ, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, l-inklużjoni, l-aċċessibbiltà, l-ugwaljanza, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza, is-sigurtà, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, id-disponibbiltà ta' servizzi u r-rispett tad-drittijiet u l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini. Jenħtieġ li dan jikkontribwixxi għal ekonomija u soċjetà dinamiċi, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ġusti fl-Unjoni.

- (2) It-trasformazzjoni diġitali mhijiex possibbli mingħajr appoġġ qawwi għax-xjenza, ir-riċerka, l-iżvilupp u għall-komunità xjentifika, li huma l-ixprun tar-rivoluzzjoni teknoloġika u diġitali. Barra minn hekk, peress li l-livell ta' diġitalizzazzjoni tal-ekonomija jew soċjetà huwa kritika tar-reżiljenza ekonomika u soċjetali kif ukoll fattur fl-influwenza globali tagħhom, huwa neċessarju għall-azzjoni internazzjonali tal-Unjoni li tistruttura l-firxa wiesgħa ta' kooperazzjoni eżistenti f'konformità mal-pilastru tad-Deċennju Diġitali. Il-ħtieġa għal tali strukturazzjoni hija wkoll riflessa fil-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-1 ta' Diċembru 2021 intitolata "Il-Portal Globali", li permezz tagħha l-Unjoni beħsiebha tikkontribwixxi biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investment globali, abbażi ta' approċċ demokratiku u mmexxi mill-valuri, li jrawwem sħubijiet trasparenti u standards għoljin sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-infrastruttura globali.

- (3) F'dikjarazzjoni tal-25 ta' Marzu 2021, il-membri tal-Kunsill Ewropew ikkunsidraw il-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali bħala pass lejn it-tfassil tal-iżvilupp diġitali tal-Unjoni għad-deċennju li jmiss u kkonfermaw il-viżjoni stabbilita fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali, inkluż l-idea ta' programm ta' politika b'qafas ta' governanza effiċjenti biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' proġetti multinazzjonali li huma meħtieġa għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni f'oqsma kritiċi. Stiednu wkoll lill-Kummissjoni biex twessa' s-sett ta' għodod ta' politika tal-Unjoni għat-trasformazzjoni diġitali, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali, u biex tuża l-istrumenti kollha disponibbli mill-politika industrijali, kummerċjali u tal-kompetizzjoni, il-ħiliet u l-edukazzjoni, il-politika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-istrumenti ta' finanzjament fit-tul biex tiffaċilita t-trasformazzjoni diġitali.
- (4) Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali ("id-Dikjarazzjoni Ewropea") ser tqiegħed lin-nies fiċ-ċentru tat-trasformazzjoni diġitali, għandha l-għan li tippromwovi l-prinċipji għat-trasformazzjoni diġitali skont il-valuri u l-liġi Ewropej kondiviżi u hija maħsuba li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali ta' din id-Deċiżjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jqisu l-prinċipji u d-drittijiet diġitali kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Ewropea meta jikkooperaw, bil-ħsieb li jinkisbu l-oġġettivi ġenerali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

- (5) Kif deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 intitolata "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa", huwa neċessarju li l-Unjoni tidentifika sistemi ta' teknoloġiji kritiċi u setturi strateġiċi, biex tindirizza dgħufijiet strateġiċi u dipendenzi ta' riskju għoli li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' provvista jew riskji marbuta maċ-ċibersigurtà, u biex trawwem it-trasformazzjoni diġitali. Dan jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jingħaqdu flimkien u jappoġġaw l-isforzi tal-industrija biex tindirizza dawk id-dipendenzi u biex tiżviluppa ħtiġijiet ta' kapaċità strateġika. Dan iwieġeb ukoll għall-analiżi tal-Kummissjoni stabbilita fil-komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Settembru 2021 intitolata "Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2021 - Il-kapaċità u l-libertà tal-UE li taġixxi". Fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita permezz tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u t-tnejn ta' pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jikkoordinaw l-isforzi tagħhom sabiex, fost l-oħrajn, jistabbilixxu proġetti multinazzjonali fil-qasam diġitali.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

Dik l-esperjenza enfasizzat il-ħtieġa li l-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi ta' koordinazzjoni mill-Istati Membri, u li l-Unjoni jkollha mekkaniżmi ta' implimentazzjoni li jiffaċilitaw l-investimenti konġunti, biex tistabilixxi proġetti multinazzjonali. Flimkien ma' inizjattivi oħrajn tal-Kummissjoni, bħall-Osservatorju tal-UE għat-Teknoloġiji Kritiċi, imsemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2021 intitolata "Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża, u spazjali", jenħtieġ li tiġi stabbilita struttura ta' governanza li timplimenta l-Kumpass Diġitali, jenħtieġ li din tgħin biex jiġu identifikati d-dipendenzi strateġiċi diġitali attwali u futuri possibbli tal-Unjoni u jenħtieġ li, tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sovranità diġitali tal-Unjoni b'mod miftuħ.

- (6) Fil-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata 'il-Patt Ekoloġiku Ewropew', il-Kummissjonienfasizzat li l-Unjoni jenħtieġ li tisfrutta l-potenzjal tat-trasformazzjoni diġitali, li hi strument abilitanti ewlieni biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Jenħtieġ li l-Unjoni tippromwovi u tinvesti fit-trasformazzjoni diġitali meħtieġa, billi t-teknoloġiji diġitali u metodi u proċessi ġodda huma strumenti abilitanti kritiċi għall-kisba tal-għanijiet ta' sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima¹, u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti f'ħafna setturi differenti. Teknoloġiji diġitali, bħall-intelliġenza artifiċjali, il-5G, is-6G, il-blockchain, il-cloud u l-edge computing, u l-internet tal-oġġetti jenħtieġ li jaċċelleraw u jimmassimizzaw l-impatt tal-politiki għat-trattament tat-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent, inkluż permezz ta' ċikli tal-ħajja sostenibbli. Flimkien man-navigazzjoni u l-lokalizzazzjoni bis-satellita, id-diġitalizzazzjoni tippreżenta wkoll opportunitajiet ġodda għall-monitoraġġ mill-bogħod tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma, u għall-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni ta' kif jintużaw l-enerġija u r-riżorsi naturali. L-Unjoni teħtieġ settur diġitali li jpoġġi s-sostenibbiltà fil-qalba tiegħu, inkluż fil-katina tal-provvista tiegħu, li jipprevjeni dipendenza eċċessiva fuq materja prima kritika, li jiżgura li l-infrastrutturi u t-teknoloġiji diġitali jsiru aktar sostenibbli, rinnovabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi b'mod verifikabbli, u li jikkontribwixxu għal ekonomija u soċjetà sostenibbli, ċirkolari u newtrali għall-klima f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

¹ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

- (7) Il-politiki dwar l-infrastruttura diġitali u l-investimenti fiha jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiżguraw konnettività aċċessibbli għal kulħadd u kullimkien fl-Unjoni, b'aċċess disponibbli għall-internet, sabiex jingħalaq id-distakk diġitali fl-Unjoni, b'attenzjoni speċjali fuq id-diviżjoni bejn iż-żoni ġeografiċi differenti.
- (8) Jenħtieġ li l-miżuri previsti fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali jiġu implimentati, biex jiġu intensifikati l-azzjonijiet ipprovduti fl-istrateġija ppreżentata mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 bit-titolu "Insawru l-Futur diġitali tal-Ewropa", u filwaqt li jibnu fuq l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni, bħall-programmi taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², u fuq ir-Regolamenti (UE) 2021/523³, (UE) 2021/690⁴,

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

² Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-animali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

(UE) 2021/694¹, (UE) 2021/695² u, (UE) 2021/1153³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u dwar il-fondi allokati għat-trasformazzjoni diġitali skont ir-Regolament (UE) 2021/241. Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tistabbilixxi programm ta' politika 2030 dwar id-Deċennju Diġitali biex tinkiseb, titħaffef u titfassal trasformazzjoni diġitali b'suċċess tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni.

- (9) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali mħabbar mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni waqt il-laqgħa Informali tal-kapijiet tal-Istat jew gvern, fis-17 ta' Novembru 2017, f'Gotheburg, l-Iżvezja, isejjaħ għad-dritt ta' aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż il-komunikazzjonijiet diġitali, kif ukoll id-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja inklużivi u ta' kwalità.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

- (10) Biex tiġi segwita t-trajettorja tal-Unjoni fir-rigward tal-pass tat-trasformazzjoni diġitali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri diġitali fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li daww il-miri diġitali jkunu marbuta ma' oqsma konkreti fejn progress huwa mistenni li jsir b'mod kollettiv fl-Unjoni. Il-miri diġitali jsegwu l-erba' punti kardinali identifikati fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali, identifikati bħala l-oqsma essenzjali għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.
- (11) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- (12) Il-ħiliet diġitali, bażiċi u avvanzati, kif ukoll ħiliet oħra, inkluż fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerija u l-matematika (STEM), huma essenzjali biex jitħaffef l-aġġustament tal-industrija tal-Unjoni għal bidliet strutturali. Huwa intiż li ċ-ċittadini diġitalment awtonomi u kapaċi, inkluż daww b'diżabilitajiet, jistgħu jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tad-Deċennju Diġitali. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, jenħtieġ li jkun hemm enfasi fuq l-edukazzjoni biex jiġi żgurat li l-komunita' tal-edukazzjoni, b'mod partikolari l-għalliema, tkun imħarrġa, mogħtija l-ħiliet u mgħammra b'mod adegwat biex tuża t-teknoloġija b'mod effettiv fil-metodi ta' taġħlim tagħha u tkun tista' tgħallem it-teknoloġiji diġitali biex tiżgura li l-istudenti jkunu mgħammra aħjar biex jidħlu fis-suq tax-xoġhol fuq perjodu qasir u itwal.

L-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali jenħtieġ li jtejbu wkoll l-attrazzjoni tal-Unjoni għal professjonisti b'livell għoli ta' ħiliet li jkunu kisbu ħiliet diġitali avvanzati u d-disponibbiltà tagħhom fis-suq tax-xogħol tal-Unjoni. L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjeta' Diġitali (DESI) ippubblikata mill-Kummissjoni tal-2021 jiddikjara li anki qabel il-pandemija COVID-19 in-negozji tal-Unjoni, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs), baww biex isibu biżżejjed professjonisti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT). Għalhekk, it-taħriġ u l-edukazzjoni diġitali jenħtieġ li jappoġġaw l-azzjonijiet kollha biex jiżguraw li l-forza tax-xogħol tkun mgħammra bil-ħiliet attwali u futuri meħtieġa li jappoġġaw il-mobilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u l-inċentiv għalihom biex jimmassimizzaw l-impatt tal-investimenti fit-titjib tal-ħiliet eżistenti (titjib tal-ħiliet) u taħriġ f'ħiliet ġodda (taħriġ mill-ġdid) kif ukoll tagħlim tul il-ħajja mill-popolazzjoni attiva, sabiex jiġi żgurat li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni tal-industrija u s-servizzi. Jenħtieġ li jitħeġġeġ ukoll it-taħriġ diġitali mhux formali mogħti mill-impjegaturi fil-forma ta' apprendiment bil-prattika. L-edukazzjoni u t-taħriġ ser iġibu wkoll inċentivi konkreti għall-karriera biex jevitaw u jeliminaw id-differenzi fl-opportunitajiet u fit-trattament bejn in-nisa u l-irġiel.

- (13) Infrastruttura diġitali sostenibbli għall-konnettività, il-mikroelettronika u l-kapaċità li tiġi pproċessata l-big data huma faċilitaturi kritiċi biex jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, għal aktar żviluppi teknoloġiċi u għat-tmexxija diġitali tal-Unjoni. F'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2021 intitolata "Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE – Lejn żoni rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040", hija meħtieġa konnettività affidabbli, veloċi u sigura għal kulħadd u kullimkien fl-Unjoni, inkluż fiż-żoni rurali u remoti, bħall-gżejjer u r-reġjuni muntanjużi u reġjuni skarsament popolati kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi. Il-ħtiġijiet tas-soċjetà għall-konverġenza tal-wisa' tal-banda tad-download u tal-upload qed jiżdiedu b'mod kostanti. Sal-2030, jenħtieġ li n-networks b'veloċitajiet tal-gigabits isiru disponibbli għal dawk li jeħtieġu jew jixtiequ din il-kapaċità. L-utenti finali kollha tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw is-servizzi tal-gigabits ipprovduti minn networks f'post fiss installati sal-punt tat-terminazzjoni tan-network. Barra minn hekk, iż-żoni popolati kollha jenħtieġ li jkunu koperti minn network mingħajr fili ta' veloċità kbira tal-ġenerazzjoni li jmiss b'mill-inqas prestazzjoni ekwivalenti għall-5G. L-atturi kollha tas-suq li jibbenefikaw mit-trasformazzjoni diġitali jenħtieġ li jassumu r-responsabbiltajiet soċjali tagħhom u jagħtu kontribut ġust u proporzjonat lill-beni, lis-servizzi u lill-infrastrutturi pubbliċi, għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha fl-Unjoni.

- (14) In-newtralità teknoloġika, li hija prevista mid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, hija prinċipju li jenħtieġ li jiggwida l-politiki tal-Unjoni u daww nazzjonali għal infrastruttura ta' konnettività diġitali tal-ogħla prestazzjoni, reżiljenza, sigurtà u sostenibbiltà, sabiex tkun tista' tibbenefika mill-prosperità. It-teknoloġiji u s-sistemi ta' trażmissjoni kollha li jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-konnettività tal-gigabits, inkluż l-avvanzi attwali u futuri tal-fibra, tas-satellita, tal-5G jew ta' kwalunkwe ekosistema futura oħra u tal-Wi-Fi tal-ġenerazzjoni li jmiss jenħtieġ għalhekk li jiġu ttrattati b'mod ugwali, fejn ikollhom prestazzjoni tan-network ekwivalenti.
- (15) Is-semikondutturi huma essenzjali għall-biċċa l-kbira tal-ktajjen tal-valur strateġiċi ewlenin u huma mistennija jkunu f'domanda saħansitra ogħla fil-futur milli fil-preżent, b'mod partikolari fl-oqsma teknoloġiċi l-aktar innovattivi. Peress li huma ċentrali għall-ekonomija diġitali, is-semikondutturi huma wkoll faċilitaturi kritiċi għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, b'hekkukoll jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Semikondutturi b'impronta enerġetika baxxa jikkontribwixxu wkoll fil-pożizzjonament tal-Unjoni bħala mexxejja fit-teknoloġiji diġitali sostenibbli. Huwa maħsub li r-reżiljenza tal-katina tal-valur tas-semikondutturi u tal-kapaċità tal-produzzjoni tas-semikondutturi (inkluż il-materjal, it-tagħmir, id-disinn, il-manifattura, l-ipproċessar u l-imbagg) tissaħħaħ, fost l-oħrajn permezz tal-bini ta' infrastruttura innovattiva fuq skala kbira skont il-liġi tal-Unjoni dwar is-sostenibbiltà ambjentali. Pereżempju, il-kapaċità kwantistika u s-semikondutturi b'potenza baxxa huma faċilitaturi kritiċi biex tinkiseb in-newtralità klimatika ta' nodi periferiċi siguri ħafna li jiggwarantixxu aċċess għal servizzi tad-data b'latenza baxxa, irrispettivament minn fejn jinsab l-utent.

¹ Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

- (16) Lil hinn mir-rwol tagħhom ta' abilitanti, it-teknoloġiji eżistenti u futuri ser ikunu fil-qalba ta' prodotti ġodda, proċessi ta' manifattura ġodda u mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq il-kondiviżjoni ġusta u sigura tad-data fl-ekonomija tad-data, filwaqt li jiżguraw protezzjoni effettiva tal-privatezza u d-data personali. It-trasformazzjoni tan-negozji tiddependi fuq il-kapaċità tagħhom li jadottaw teknoloġiji diġitali ġodda malajr u b'mod komprensiv, inkluż fl-ekosistemi industrijali u tas-servizzi li bħalissa għadhom lura. Dik it-trasformazzjoni hija partikolarment importanti għall-SMEs, li għadhom jiffaċċjaw sfidi fl-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali.
- (17) L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw il-prinċipju ta' darba biss fl-amministrazzjoni pubblika tagħhom, filwaqt li jrawmu l-użu mill-ġdid tad-data, f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, sabiex l-ebda piż addizzjonali ma jaqa' fuq iċ-ċittadini jew in-negozji.
- (18) Il-ħajja demokratika u s-servizzi pubbliċi ewlenin jiddependu wkoll b'mod kruċjali fuq it-teknoloġiji diġitali. Kull ċittadin u negozju jenħtieġ li jkun jista' jinteraġixxi b'mod diġitali mal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Diversi parametri ta' tali interazzjonijiet, inkluż iċ-ċentralità tal-utenti u t-trasparenza, jenħtieġ li jiġu mmonitorjati fid-DESI. Is-servizzi pubbliċi ewlenin, inkluż ir-rekords elettroniċi tas-saħħa, jenħtieġ li jkunu kompletament aċċessibbli fuq bażi volontarja bħala ambjent diġitali tal-aħjar klassi li jipprovdi servizzi u għodod faċli biex jintużaw, effiċjenti, affidabbli u personalizzati bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza. Tali servizzi pubbliċi ewlenin jenħtieġ li jkopru wkoll servizzi li huma rilevanti għal avvenimenti ewlenin tal-ħajja għal persuni fiżiċi, bħal pereżempju meta jitilfu jew jsibu impjeg, jistudjaw, jippossjedu jew isuqu karozza, jew jibdeu negozju, u għal persuni ġuridiċi fiċ-ċirklu tal-ħajja professjonali tagħhom. Madankollu, l-aċċessibilità offline tas-servizzi jenħtieġ li tinżamm waqt it-tranżizzjoni lejn għodod diġitali.

- (19) Jenħtieġ li t-teknoloġiji diġitali jikkontribwixxu biex jinkisbu eżiti soċjetali usa' li ma jkunux limitati għall-isfera diġitali, iżda jkollhom effetti pożittivi fuq il-ħajja ta' kuljum u l-benesseri taċ-ċittadini. Biex tirnexxi, it-trasformazzjoni diġitali jenħtieġ li timxi id f'id mat-titjib fir-rigward tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-inklużjoni soċjali u servizzi pubbliċi aktar effiċjenti.
- (20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi l-miri diġitali u d-definizzjonijiet rilevanti sa Ġunju 2026 biex tivvaluta jekk ikunux għadhom jissodisfaw il-livell għoli ta' ambizzjoni tat-trasformazzjoni diġitali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista', fejn hija tqis li huwa neċessarju, li ttipproponi emendi għall-miri diġitali sabiex tindirizza l-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi u soċjetali, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ekonomija tad-data, is-sostenibbiltà u ċ-ċibersigurtà.
- (21) Meta jintużaw fondi pubbliċi, huwa kruċjali li jinkiseb il-valur massimu għas-soċjetà u n-negozji. Għalhekk, il-finanzjament pubbliku jenħtieġ li jimmira biex jiżgura aċċess miftuħ u nondiskriminatorju għall-outputs tal-proġetti ffinanzjatiħlief fejn, f'każijiet sostanzjati u proporzjonati, huwa meqjus xieraq li jsir mod ieħor.

(22) Progress armonjuż, inklużiv u kostanti lejn it-trasformazzjoni diġitali u lejn l-ilħuq tal-miri diġitali fl-Unjoni jeħtieġ forma ta' governanza komprensiva, robusta, affidabbli, flessibbli u trasparenti, ibbażata fuq kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Mekkaniżmu xieraq jenħtieġ li jiżgura l-koordinazzjoni tal-konverġenza, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-konsistenza u l-effettività tal-politiki u tal-miżuri fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, u jenħtieġ li jħeġġeġ ukoll l-attivazzjoni ta' sinerġiji xierqa bejn il-fondi tal-Unjoni u dawk nazzjonali, kif ukoll bejn l-inizjattivi u l-programmi tal-Unjoni. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni tista' tipprovdi gwida u appoġġ lill-Istati Membri dwar kif l-aħjar jagħmlu użu mill-aktar tipi xierqa ta' sinerġiji. Għal dak l-għan, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar mekkaniżmu ta' monitoraġġ u kooperazzjoni li jimplementa l-Kumpass Diġitali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet madwar u fi ħdan l-Istati Membri, jenħtieġ li jkun proporzjonat, b'mod partikolari fir-rigward tal-piżijiet amministrattivi, u jenħtieġ li jħalli lill-Istati Membri li jsegwu livell oġhla ta' ambizzjoni meta jistabbilixxu l-oġettivi nazzjonali tagħhom.

- (23) Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u kooperazzjoni li jimplimenta l-Kumpass Diġitali jenħtieġ li jinkludi sistema ta' monitoraġġ imtejba biex jiġu identifikati l-lakuni fil-kapaċitajiet diġitali strateġiċi tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan jinkludi wkoll mekkaniżmu sabiex jirrapporta, fost l-oħrajn, dwar il-progress lejn il-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, kif ukoll dwar l-istat aktar ġenerali tal-konformità mal-oġettivi ġenerali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li dan jistabbilixxi qafas kooperattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġu identifikati soluzzjonijiet li jindirizzaw id-dgħufijiet u jiġu proposti azzjonijiet immirati għal rimedji effettivi.

(24) Jenħtieġ li d-DESI jiġi integrat fir-rapport dwar l-istat tad-Deċennju Diġitali (ir-'Rapport dwar id-Deċennju Diġitali'), u jenħtieġ li jintuża għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri diġitali. Tali -monitoraġġ jenħtieġ li jinkludi analiżi tal-indikaturi li jkejlu l-progress fil-livell tal-Istati Membri, il-politiki u l-inizjattivi nazzjonali mmirati biex jilħqu l-oġettivi ġenerali u l-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, kif ukoll l-analiżijiet orizzontali u tematiċi li jsegwu t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomiji tal-Unjoni u klassifikazzjoni tal-progress tal-Istati Membri fihom. B'mod partikolari, id-dimensjonijiet u l-indikaturi tad-DESI jenħtieġ li jkunu allinjati mal-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Għal kull mira diġitali, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ("KPIs") jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-KPIs jiġu aġġornati kull meta jkun meħtieġ għal monitoraġġ effettiv kontinwu u biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi. Il-mekkaniżmu għall-ġbir tad-data fi ħdan l-Istati Membri jenħtieġ li jissaħħaħ, fejn xieraq, biex jippreżenta s-sitwazzjoni komprensiva dwar il-progress lejn il-miri diġitali, kif ukoll informazzjoni dwar il-politiki, il-programmi u l-inizjattivi rilevanti fil-livell nazzjonali, u, fejn ikun possibbli, jenħtieġ li jinkludi data diżaggregata skont il-ġeneri u r-reġjuni, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali.

Abbażi tar-rieżamijiet tal-Kummissjoni u meta xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, skeda ta' żmien proposta għall-ħtiġijiet futuri tal-ġbir tad-data. Meta tistabilixxi d-DESI, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża l-aktar fuq l-istatistika uffiċjali miġbura fid-diversi sħarriġiet tal-Unjoni dwar is-soċjetà tal-informazzjoni taħt ir-Regolamenti (UE) 2019/1700¹ u (UE) 2019/2152² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża studji speċifiċi biex tiġbor data għal daww l-indikaturi rilevanti li ma jitkejlux fl-istħarriġiet tal-Unjoni jew li jinġabru permezz ta' eżerċizzji oħra ta' rappurtar, bħal fil-qafas tal-istrateġija mħabbra mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2008 intitolata ““Aħseb Żgħir l-Ewwel”: "Att tan-Negożji ż-Żgħar”” għall-Ewropa, inkluż ir-rieżami annwali tal-prestazzjoni tal-SMEs. Id-definizzjonijiet relatati mal-miri diġitali taħt din id-Deċizzjoni ma jikkostitwixxux preċedenti għall-KPIs u bl-ebda mod ma jfixklu l-kejl li jmiss tal-progress fuq daww il-miri permezz tal-KPIs.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negożju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negożju (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1).

- (25) Biex il-koleġislaturi jinżammu infurmati dwar il-progress tat-trasformazzjoni diġitali fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta Rapport annwali dwar id-Deċennju Diġitali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jkun fih ħarsa ġenerali u analiżi tat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni u evalwazzjoni tal-progress li jkun sar fir-rigward tal-oġettivi ġenerali ta' din id-Deċiżjoni u l-miri diġitali għall-perjodu sal-2030. Ir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali b'mod partikolari d-DESI, jenħtieġ li jikkontribwixxu għas-Semestru Ewropew, inkluż aspetti relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, filwaqt li l-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati inklużi fir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali jenħtieġ li jkunu komplementari mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (26) Mill-2019, id-DESI inkluda t-Tabella ta' Valutazzjoni dwar in-Nisa fid-Dinja Diġitali, li tivvaluta l-prestazzjoni tal-Istati Membri fl-oqsma tal-użu tal-internet, il-ħiliet tal-utenti tal-internet kif ukoll il-ħiliet speċjalizzati u l-impjiegi, abbażi ta' 12-il indikatur. L-inklużjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni dwar in-Nisa fid-Dinja Diġitali fir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali jenħtieġ li tippermetti l-monitoraġġ tad-distakk diġitali bejn il-ġeneri.

- (27) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza fir-Rapport tagħha dwar id-Deċennju Diġitali kemm l-objettivi ġenerali ta' din id-Deċiżjoni ġew implimentati b'mod effettiv f'politiki, miżuri jew azzjonijiet, kif ukoll dwar il-progress lejn il-kisba tal-miri diġitali, filwaqt li tagħti dettalji dwar il-livell ta' progress tal-Unjoni b'rabta mat-trajettorji proġettati għal kull mira, il-valutazzjoni tal-isforzi meħtieġa biex tinkiseb kull mira, inkluż kwalunkwe lakuna fl-investment fil-kapaċitajiet diġitali u fl-innovazzjoni, kif ukoll fis-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżdied is-sovranià diġitali b'mod miftuħ. Jenħtieġ li r-rapport jinkludi wkoll valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proposti regolatorji rilevanti u valutazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri.
- (28) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, ir-rapport jenħtieġ li jinkludi politiki, miżuri u azzjonijiet rakkomandati speċifiċi. Meta tirrakkomanda politiki, miżuri jew azzjonijiet fir-rapport, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-aktar data reċenti disponibbli, l-impenji konġunti meħuda, il-politiki u l-miżuri definiti mill-Istati Membri, kif ukoll il-progress rigward l-azzjonijiet rakkomandati identifikati f'rapporti preċedenti u indirizzati permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis id-differenzi fil-potenzjal tal-Istati Membri individwali li jikkontribwixxu għall-miri diġitali, kif ukoll il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet diġà fis-seħħ u meqjusa bħala xierqa biex jintlaħqu dawk il-miri, anki jekk l-effetti tagħhom ikunu għadhom ma mmaterjalizzawx.

- (29) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġettivi ġenerali u l-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, u li l-Istati Membri kollha jikkontribwixxu b'mod effettiv għal dak l-għan, it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u kooperazzjoni jenħtieġ li jiżguraw l-iskambji ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki permezz ta' djalogu kostruttiv u inklużiv bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-Parlament Ewropew jiġi nfurmat fil-ħin dwar l-eżitu tad-djalogu.
- (30) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tistabbilixxi trajettorji proġettati għall-Unjoni biex tikseb il-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Dawk it-trajettorji proġettati jenħtieġ, fejn possibbli, li jiġu kkonvertiti fi trajettorji proġettati nazzjonali mill-Istati Membri u, jenħtieġ, fejn xieraq, li jieħdu kont debitu tad-dimensjoni reġjonali. Il-potenzjal differenti, u l-punti ta' tluq differenti, tal-Istati Membri individwali li jikkontribwixxu għall-miri diġitali jenħtieġ li jitqiesu u jiġu riflessi fit-trajettorji proġettati nazzjonali. Jenħtieġ li t-trajettorji proġettati nazzjonali jgħinu fil-valutazzjoni tal-progress maż-żmien fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali.

(31) Biex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri tkun effiċjenti u effettiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-deċennju diġitali li jkopru l-perjodu sal-2030 (il-"pjanijiet direzzjonali nazzjonali") li jipproponu, meta possibbli, trajettorji proġettati nazzjonali li jistgħu jitkejlu fil-livell nazzjonali, li jiddeskrivu l-istrumenti kollha ippjanati, adottati, jew implimentati bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-ilħuq fil-livell tal-Unjoni tal-oġettivi ġenerali u tal-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jinkludu fil-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom informazzjoni dwar politiki, miżuri u azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-livell reġjonali. Il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali jenħtieġ li jiġu abbozzati wara li jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati ewlenin, bħall-organizzazzjonijiet kummerċjali, inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, inkluż il-persuni akbar fl-età u ż-żgħażaġh, kif ukoll ir-rappreżentanti lokali u reġjonali, u jenħtieġ li jkunu għodda kruċjali għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri u sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għas-suq. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-inizjattivi settorjali rilevanti, fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, u jrawmu l-konsistenza magħhom. L-impenn ta' Stat Membru li jipprovdi pjan direzzjonali nazzjonali biex jikkontribwixxi għall-miri diġitali fil-livell tal-Unjoni ma jimpedixxix lill-istess Stat Membru milli jfassal u jimplimenta strateġiji fil-livell nazzjonali jew reġjonali, jew milli jispeċjalizza f'ċerti oqsma industrijali jew diġitali.

- (32) Matul iċ-ċikli ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, l-Istati Membri jistgħu jipproponu aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom biex iqisu l-evoluzzjoni tat-trasformazzjoni diġitali fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, u biex jirrispondu b'mod partikolari, għall-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati mill-Kummissjoni. Sabiex jitrawwem approċċ konsistenti u komparabbli fl-Istati Membri kollha u sabiex tiġi ffaċilitata t-tnejn tal-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttiprova għid li tistabbilixxi f'aktar dettall l-elementi ewlenin tal-istruttura ta' pjan direzzjonali nazzjonali u, b'mod partikolari, l-elementi komuni li l-pjanijiet direzzjonali kollha jenħtieġ li jinkludu. Il-għid jenħtieġ li ttiprevedi wkoll approċċ ġenerali li għandu jiġi segwit mill-Istati Membri meta jiżviluppaw it-trajettorji proġettati nazzjonali tagħhom.
- (33) Il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u ta' monitoraġġ bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jibda b'valutazzjoni tal-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom u jenħtieġ li jkun ibbażat fuq id-data pprovduta u l-valutazzjoni magħmula fir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali, kif ukoll fuq ir-rispons li taw il-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-organizzazzjonijiet kummerċjali, inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, kif ukoll ir-rappreżentanti reġjonali u lokali.

- (34) L-għażla taż-żmien tal-kooperazzjoni jenħtieġ li tqis il-ħtieġa li jiġu riflessi r-riżultati taċ-ċikli tal-kooperazzjoni preċedenti, kif ukoll il-politiki, il-miżuri, l-azzjonijiet u l-aġġustamenti possibbli għall-pjanijiet direzzjonali nazzjonali kull sentejn.
- (35) Biex isir progress lejn il-miri diġitali f'allinjament mat-trajettorji proġettati, l-Istati Membri, li huma kkunsidrati fir-rapport bħala li għamlu progress insuffiċjenti f'qasam partikolari, jenħtieġ li jipproponu aġġustament għall-politiki, miżuri u azzjonijiet li għandhom il-ħsieb li jieħdu biex irawmu l-progress f'dak il-qasam kritiku. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeżaminaw kif il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati msemmija fir-rapport tas-sena preċedenti ġew indirizzati mill-Istati Membri b'mod kollettiv u individwali. Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jitlob li jiġi mniedi proċess ta' rieżami bejn il-pari biex Stati Membri oħrajn jingħataw opportunità li jikkumentaw dwar il-proposti li jkollu l-ħsieb li jippreżenta fil-pjan direzzjonali nazzjonali tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-adegwatezza tagħhom biex jilħqu mira speċifika. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza u l-aħjar Prattiki permezz tal-proċess ta' rieżami bejn il-pari.

- (36) Il-Kummissjoni u Stat Membru wieħed jew aktar, jew mill-inqas żewġ Stati Membri, jenħtieġ li jkunu jistgħu jidħlu għal impenji konġunti fir-rigward ta' azzjonijiet ikkoordinati li jixtiequ jwettqu biex jilhqqu l-miri diġitali, biex jistabbilixxu proġetti multinazzjonali, u biex jaqblu fuq kwalunkwe politika, miżura u azzjoni oħra fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali bl-għan li jsir progress lejn dawk il-miri f'allinjament mat-trajettorji proġettati. Impenn konġunt huwa inizjattiva ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari bil-għan li tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi ġenerali u l-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Il-proġetti multinazzjonali u l-konsorzji għal infrastruttura diġitali Ewropea (EDICs) jenħtieġ li jinkludu mill-inqas tliet Stati Membri.
- (37) Fil-monitoraġġ tal-kisba tal-oġġettivi ġenerali u l-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom obbligu li jikkooperaw b'mod sinċier f'konformità mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Huwa għalhekk meħtieġ li kwalunkwe sejħa għal kooperazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tiġi segwita b'mod xieraq mill-Istati Membri, b'mod partikolari fejn ikun hemm devjazzjoni sinifikanti mit-trajettorja proġettata nazzjonali ta' Stat Membru jew fejn tali devjazzjoni ma tkunx ġiet indirizzata għal perjodu sostanzjali.

(38) L-implimentazzjoni effettiva tal-politiki, tal-miżuri u tal-azzjonijiet rakkomandati u tal-pjanijiet direzzjonali nazzjonali u l-aġġustamenti għalihom, hija kruċjali għall-kisba tal-oġġettivi ġenerali u tal-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Djalogu strutturat mal-Istati Membri individwali huwa essenzjali biex jiggwida u jappoġġhom fl-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri xierqa biex isir progress lejn it-trajettorji proġettati nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fejn l-Istati Membri jqisu li huwa meħtieġ li jaġġustaw il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom abbażi tal-politiki, il-miżuri jew l-azzjonijiet rakkomandati tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati kif xieraq, b'mod partikolari rigward il-proċess u l-eżitu tad-djalogu strutturat.

(39) Biex tiżgura t-trasparenza u l-parteċipazzjoni pubblika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati interessati kollha. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, inkluż is-soċjetà ċivili u atturi privati u pubbliċi, bħal korpi regolati mil-liġijiet pubbliċi tas-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jew tas-saħħa, u jenħtieġ li tikkonsulta magħhom dwar miżuri biex titħaffef it-trasformazzjoni diġitali fil-livell tal-Unjoni. Meta jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni jenħtieġ li ttkun kemm jista' jkun inklużiva u tinvolvi korpi li huma strumentali għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-bniet u tan-nisa fl-edukazzjoni diġitali u fil-karrieri professjonali diġitali, bl-għan li jiġi promoss sa fejn hu possibbli approċċ ibbilanċjat bejn il-ġeneri meta jkunu qed jiġu implimentati l-pjanijiet direzzjonali nazzjonali mill-Istati Membri. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati huwa importanti wkoll fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari meta jadottaw il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom u l-aġġustamenti possibbli għalihom. Kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jinvolvu lill-organizzazzjonijiet kummerċjali, inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, b'mod li jkun f'waqtu u proporzjonat mar-riżorsi disponibbli.

(40) Proġetti multinazzjonali jenħtieġ li jippermettu intervent fuq skala kbira f'oqsma ewlenin meħtieġa għall-ilħuq tal-miri diġitali, stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari billi jinġabru flimkien ir-riżorsi mill-Unjoni, mill-Istati Membri u, meta xieraq, minn sorsi privati. Meta jkun meħtieġ biex jintlaħqu l-miri diġitali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jinvolve lill-pajjiżi terzi assoċjati ma' programm tal-Unjoni ġestit direttament li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni. Jenħtieġ li proġetti multinazzjonali jiġu implimentati b'mod ikkoordinat, f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni jenħtieġ li taqdi rwol ċentrali fl-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni ta' proġetti multinazzjonali permezz tal-identifikazzjoni ta' proġetti multinazzjonali lesti għall-implimentazzjoni fost il-kategoriji ta' proġetti inklużi b'mod indikattiv f'Anness għal din id-Deċiżjoni, meta tiġi biex tagħti pariri lill-Istati Membri dwar l-għażla tal-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni eżistenti l-aktar adattat, dwar l-għażla tas-sorsi ta' finanzjament u l-kombinazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet strateġiċi oħra relatati mal-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttiprovdi gwida dwar l-istabiliment ta' EDIC bħala mekkaniżmu ta' implimentazzjoni. L-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan jistgħu wkoll jikkooperaw jew jieħdu azzjoni kkoordinata f'oqsma oħra għajr dawk previsti f'din id-Deċiżjoni.

- (41) L-appoġġ pubbliku għall-proġetti multinazzjonali jenħtieġ li, b'mod partikolari, jintuża biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma ssir distorsjoni tal-kondizzjonijiet ekwivalenti jew mingħajr ma jiġi duplikat jew eskluż il-finanzjament privat. Proġetti multinazzjonali jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar u jenħtieġ li jiġu implimentati skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni u skont il-liġi nazzjonali li hija konsistenti mal-liġi tal-Unjoni.
- (42) Il-Proġetti multinazzjonali jenħtieġ li jkunu jistgħu jattiraw u jikkombinaw, b'mod effiċjenti, diversi sorsi ta' finanzjament tal-Unjoni u tal-Istati Membri u, fejn applikabbli, finanzjament minn pajjiżi terzi assoċjati ma' programm tal-Unjoni ġestit direttament li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni, filwaqt li jsibu, fejn possibbli, sinerġiji bejniethom. B'mod partikolari, il-kombinazzjoni tal-fondi mill-programmi tal-Unjoni ġestiti ċentralment ma' rizersi impenjati mill-Istati Membri jenħtieġ li tkun possibbli, inklużi, f'ċerti kundizzjonijiet, kontribuzzjonijiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif spjegat fil-Parti 3 tal-gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza nazzjonali tagħhom, kif ukoll kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jew mill-Fond ta' Koeżjoni. Kull meta jkun ġustifikat min-natura ta' proġett multinazzjonali partikolari, jenħtieġ li jkunu permessi wkoll kontribuzzjonijiet ta' entitajiet oħra għajr l-Unjoni u l-Istati Membri, inkluż għal kontribuzzjonijiet privati.

- (43) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u billi taġixxi bħala l-koordinatur ta' proġetti multinazzjonali, jenħtieġ li tgħin lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni tal-interessi tagħhom fi proġetti multinazzjonali, tagħti gwida mhux vinkolanti rigward l-għażla ta' mekkaniżmi ta' implimentazzjoni ottimali, u tipprovdi assistenza fl-implimentazzjoni, filwaqt li tikkontribwixxi għall-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi tali appoġġ sakemm l-Istati Membri li jipparteċipaw fi proġett multinazzjonali ma joġġezzjonawx. Il-Kummissjoni jenħtieġ li taġixxi f'kooperazzjoni mal-Istati Membri parteċipanti.
- (44) Wara applikazzjoni mingħand l-Istati Membri kkonċernati,, u wara valutazzjoni ta' dik l-applikazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ tkun tista' tistabbilixxi EDIC biex jimplementa il-proġett multinazzjonali partikolari.
- (45) Jenħtieġ li l-Istat Membru ospitanti jiddetermina jekk EDIC jissodisfax ir-rekwiżit għar-rikonossiment bħala korp internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 143, il-punt (g), u fl-Artikolu 151(1), punt (b), tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE¹ u bħala organizzazzjoni internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 12(1), il-punt (b), tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE².

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

- (46) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-KPIs u għat-twaqqif tal-EDICs. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (47) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal miżuri meħuda mill-Istati Membri dwar is-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew id-difiża,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u kooperazzjoni għal dak il-programm li huwa maħsub biex:
 - (a) jgħid ambjent favorevoli għall-innovazzjoni u l-investiment billi tiġi stabbilita direzzjoni ċara għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni u għall-ilħuq ta' miri diġitali fil-livell tal-Unjoni sal-2030, abbażi ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu;
 - (b) jistruttura u jstimula l-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri;
 - (c) irawwem il-konsistenza, il-komparabbiltà, it-trasparenza u l-kompletezza ta' monitoraġġ u rapportar mill-Unjoni.
2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas għal proġetti multinazzjonali.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali" jew "DESI" tfisser sett annwali ta' indikaturi tal-analiżi u tal-kejl li abbażi tagħhom il-Kummissjoni timmonitorja l-prestazzjoni diġitali ġenerali tal-Unjoni u tal-Istati Membri f'diversi dimensjonijiet ta' politika, inkluż il-progress tagħhom lejn il-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4;
- (2) "proġetti multinazzjonali" tfisser proġetti fuq skala kbira li jiffaċilitaw l-ilħuq tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4, inkluż il-finanzjament tal-Unjoni u tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 10;
- (3) "statistika" tfisser statistika kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (1), tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹;

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom, li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

- (4) "proċess ta' rieżami bejn il-pari" tfisser mekkaniżmu li bih l-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar aspetti speċifiċi tal-politiki, tal-miżuri u tal-azzjonijiet proposti minn Stat Membru partikolari u, b'mod partikolari, dwar l-effiċjenza u adegwatezza tagħhom biex jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' mira speċifika tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4, fil-kuntest tal-kooperazzjoni skont l-Artikolu 8;
- (5) "trajettorja proġettata" tfisser il-perkors proġettat għal kull mira diġitali sal-2030, biex jintlaħqu l-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4, abbażi ta' data storika, meta disponibbli;
- (6) "edge nodes" tfisser il-kapaċità tal-ipproċessar tad-data distribwit konnessa man-network u li tinsab qrib il-(jew fil-) punt tat-tmiem fiżiku fejn tiġi ġġenerata d-data li toffri kapaċitajiet distribwiti tal-informatika u tal-ħżin għall-ipproċessar tad-data b'latenza baxxa;
- (7) "intensità diġitali" tfisser il-valur aggregat attribwit lil impriża, abbażi tal-għadd ta' teknoloġiji li tuża, mqabbel ma' tabella ta' valutazzjoni ta' diversi teknoloġiji, f'konformità ma' DESI;
- (8) "servizzi pubbliċi ewlenin" tfisser servizzi essenzjali pprovduti minn entitajiet pubbliċi lil persuni fiżiċi fl-avvenimenti ewlenin tal-ħajja tagħhom u lil persuni ġuridiċi fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-professjoni tagħhom;
- (9) "ħiliet diġitali avvanzati" tfisser dawk il-ħiliet u l-kompetenzi professjonali li jirrikjedu għarfien u esperjenza meħtieġa biex ikunu mifhuma, imfassla, żviluppata, amministrata, ittestjata, implimentata, użata u miżmuma t-teknoloġiji, il-prodotti u s-servizzi diġitali;

- (10) "ħila diġitali bażika" tfisser il-kapaċità li titwettaq, b'mezzi diġitali, mill-inqas attività waħda relatata mal-oqsma li ġejjin: l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, il-ħolqien tal-kontenut, is-sikurezza u d-data personali, u s-soluzzjoni tal-problemi;
- (11) "unicorn" tfisser jew:
- (a) impriża mwaqqfa wara l-31 ta' Diċembru 1990, li kellha offerta pubblika inizjali jew bejgħ kummerċjali ta' aktar minn USD 1 biljun; jew
 - (b) impriża li tkun ġiet ivvalutata għal aktar minn USD 1 biljun fl-aħħar ċiklu ta' finanzjament ta' riskju privat tagħha, inkluż fejn il-valutazzjoni ma tkunx ġiet ikkonfermata fi tranżazzjoni sekondarja;
- (12) "intrapriża żgħira jew ta' daqs medju" jew "SME" tfisser intrapriża mikro jew intrapriża żgħira jew ta' daqs medju kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE¹.

¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (traduzzjoni mhux uffċjali) (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Artikolu 3

Objettivi ġenerali tal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jappoġġaw u jiksbu l-objettivi ġenerali li ġejjin fil-livell tal-Unjoni ("l-objettivi ġenerali"):
 - (a) jippromwovu ambjent diġitali ċċentrat fuq il-bniedem, ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali, inklużiv, trasparenti u miftuħ fejn teknoloġiji u servizzi diġitali siguri u interoperabbli josservaw u jsaħħu l-prinċipji, id-drittijiet u l-valuri tal-Unjoni u jkunu aċċessibbli għal kulħadd, kullimkien fl-Unjoni;
 - (b) isaħħu r-reżiljenza kollettiva tal-Istati Membri u jnaqqsu d-distakk diġitali, jiksbu bilanċ bejn il-ġeneri u ġeografiku billi jippromwovu opportunitajiet kontinwi għall-individwi kollha, jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi diġitali bażiċi u avvanzati, inkluż permezz ta' taħriġ vokazzjonali u professjonali, u tagħlim tul il-ħajja, u jrawmu l-iżvilupp ta' kapaċitajiet diġitali bi prestazzjoni għolja fis-sistemi orizzontali tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

- (c) jiżguraw is-sovranità diġitali tal-Unjoni b'mod miftuħ, b'mod partikolari permezz ta' infrastrutturi diġitali u tad-data siguri u aċċessibbli li kapaċi jaħżnu, jittrażmettu u jipproċessaw b'mod effiċjenti volumi kbar ta' data li tippermetti żviluppi teknoloġiċi oħra, jappoġġaw il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-industrija u l-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-SMEs, u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur tal-Unjoni, kif ukoll irawmu l-ekosistema tan-negozji ġodda u l-funzjonament bla xkiel tal-hubs ta' innovazzjoni diġitali Ewropej;
- (d) jippromwovu l-iskjerament u l-użu ta' kapaċitajiet diġitali sabiex inaqqsu d-distakk diġitali ġeografiku u jagħtu aċċess għat-teknoloġiji u d-data diġitali fuq termini miftuħa, aċċessibbli u ġusti, biex jinkiseb livell għoli ta' intensità u innovazzjoni diġitali fl-intrapriżi tal-Unjoni, b'mod partikolari negozji ġodda u SMEs;
- (e) jiżviluppaw ekosistema komprensiva u sostenibbli ta' infrastrutturi diġitali interoperabbli, li fiha computing ta' prestazzjoni għolja, l-edge computing, il-cloud computing, il-computing kwantistiku, l-intelliġenza artifiċjali, il-ġestjoni tad-data u l-konnettività tan-networks jaħdmu b'konverġenza, biex jippromwovu l-aċċettazzjoni tagħhom fin-negozji tal-Unjoni, u joħolqu opportunitajiet għat-ktabbir u għall-impjiegi permezz tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni, u jiżguraw li l-Unjoni jkollha stabbilita infrastruttura kompetittiva, sigura u sostenibbli tal-cloud tad-data, bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza u f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data;

- (f) jippromwovu ambjent regolatorju diġitali tal-Unjoni biex jappoġġa l-kapaċità tal-imprezzi tal-Unjoni, speċjalment l-SMEs, biex jikkompetu b'mod ġust tul il-ktajjen tal-valur globali;
- (g) jiżguraw li l-parteċipazzjoni online fil-ħajja demokratika tkun possibbli għal kulħadd, u li s-servizzi pubbliċi, is-servizzi tas-saħħa u tal-kura jkunu aċċessibbli wkoll f'ambjent online affidabbli u sigur għal kulħadd, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati, inkluż persuni b'diżabilità u f'żoni rurali u remoti, filwaqt li joffru servizzi u għodod inklużivi, effiċjenti, interoperabbli u personalizzati bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza;
- (h) jiżguraw li l-infrastruttura u t-teknoloġiji diġitali, inkluż il-ktajjen tal-provvista tagħhom, isiru aktar sostenibbli, reżiljenti, u effiċjenti fl-enerġija u fir-riżorsi, bil-ħsieb li jimminimizzaw l-impatt ambjentali u soċjali negattiv tagħhom, u jikkontribwixxu għal ekonomija u soċjetà ċirkolari u newtrali għall-klima sostenibbli f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż billi jippromwovu r-riċerka u l-innovazzjoni li jikkontribwixxu għal dak il-għan u billi jiżviluppaw metodoloġiji għall-kejl tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi tal-ispazju diġitali;

- (i) jiffaċilitaw kondizzjonijiet ġusti u nondiskriminatorji għall-utenti matul it-trasformazzjoni diġitali fl-Unjoni kollha billi jsaħħu s-sinerġiji bejn l-investimenti privati u pubbliċi u l-użu tal-fondi tal-Unjoni u dawk nazzjonali, u billi jiżviluppaw approċċi regolatorji u ta' appoġġ prevedibbli li jinvolvu wkoll il-livell reġjonali u lokali;
 - (j) jiżguraw li l-politiki u l-programmi kollha li huma rilevanti għall-ilħuq tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 jiġu kkunsidrati b'mod ikkoordinat u koerenti biex jikkontribwixxu bis-siġħ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali Ewropea, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u jiġu minimizzati l-piżijiet amministrattivi;
 - (k) itejbu r-reżiljenza għaċ-ċiberattakki, jikkontribwixxu biex jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji u l-għarfien tal-proċessi taċ-ċibersigurtà, filwaqt li jżidu l-isforzi tal-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati biex tal-anqas jilħqu livelli bażiċi taċ-ċibersigurtà.
2. Meta jikkooperaw biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali stabbiliti f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iqisu l-prinċipji u d-drittijiet diġitali stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali.

Artikolu 4
Miri diġitali

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw bil-ħsieb li jilħqu l-miri diġitali li ġejjin fl-Unjoni sal-2030 ("il-miri diġitali"):
 - (1) popolazzjoni b'ħiliet diġitali u professjonisti diġitali b'livell għoli ta' ħiliet, bil-għan li jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri, fejn:
 - (a) mill-inqas 80 % ta' dawk li għandhom bejn is-16 u l-74 sena jkollhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi;
 - (b) jiġu impjegati mill-inqas 20 miljun speċjalista ICT fi ħdan l-Unjoni, filwaqt li jippromwovu l-aċċess tan-nisa għal dan il-qasam u jżied l-għadd ta' gradwati fl-ICT;
 - (2) infrastrutturi diġitali siguri, reżiljenti, effiċjenti u sostenibbli, fejn:
 - (a) l-utenti finali kollha f'post fiss ikunu koperti min-network tal-gigabits sal-punt tat-terminazzjoni tan-network, u ż-żoni popolati kollha jkunu koperti min-networks bla fili ta' veloċità kbira tal-ġenerazzjoni li jmiss bi prestazzjoni tal-inqas ekwivalenti għal dik ta' 5G, skont il-prinċipju ta' newtralità teknoloġika;

- (b) il-produzzjoni, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar is-sostenibbiltà ambjentali, ta' semikondutturi mill-aktar avvanzati fl-Unjoni tkun mill-inqas 20 % tal-produzzjoni dinjija fil-valur;
 - (c) jiġu skjerati mill-inqas 10 000 "edge node" siguri ħafna u newtrali għall-klima fl-Unjoni, li jkunu distribwiti b'mod li jiggarrantixxi aċċess għal servizzi tad-data b'latenza baxxa (jiġifieri ftit millisekondi) kull fejn ikunu jinsabu n-negozji;
 - (d) l-Unjoni jkollha, sal-2025, l-ewwel kompjuter tagħha b'aċċellerazzjoni kwantistika, li jwitti t-triq biex l-Unjoni jkollha kapaċitajiet kwantistiċi mill-aktar avvanzati sal-2030.
- (3) it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji, fejn:
- (a) mill-inqas 75 % tal-intrapriżi tal-Unjoni jkunu adottaw waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, f'konformità mal-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom:
 - (i) servizzi ta' cloud computing;
 - (ii) big data;
 - (iii) l-intelliġenza artifiċjali;
 - (b) aktar minn 90 % tal-SMEs tal-Unjoni jilhqqu mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali;

(c) l-Unjoni tiffaċilita t-tkabbir tan-negozji innovattivi li qed jespandu tagħha u ttejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzi, b'dan iwassal biex l-għadd ta' unicorns jiżdied mill-inqas bid-doppju;

(4) id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, fejn:

(a) ikun hemm forniment aċċessibbli online 100 % ta' servizzi pubbliċi ewlenin u, fejn rilevanti, ikun possibbli għal ċittadini u negozji fl-Unjoni li jinteraġixxu online mal-amministrazzjonijiet pubbliċi;

(b) 100 % taċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess għar- rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom;

(c) 100 % taċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess għal mezz sigur ta' identifikazzjoni elettronika (eID) li huwa rikonoxxut fl-Unjoni kollha, li jippermettilhom il-kontroll sħiħ fuq it-tranżazzjonijiet tal-identità u d-data personali kondiviża.

2. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis b'mod partikolari l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 5(2) u l-Artikoli 7, 8 u 9 3, għandha tirrevedi l-miri diġitali u d-definizzjonijiet rilevanti sat-30 ta' Ġunju 2026. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-eżitu tar-rieżami, u għandha tippreżenta proposta leġislattiva biex temenda l-miri diġitali meta tqis li dan hu meħtieġ biex jiġu indirizzati l-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi jew tas-soċjetà sabiex tikseb trasformazzjoni diġitali b'suċċess tal-Unjoni.

Artikolu 5
Monitoraġġ tal-progress

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-progress tal-Unjoni lejn l-oġettivi ġenerali u l-miri diġitali. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tiddependi fuq id-DESI u għandha tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, l-KPIs għal kull mira diġitali. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu fil-ħin lill-Kummissjoni l-istatistika u d-data meħtieġa għall-monitoraġġ effettiv tat-trasformazzjoni diġitali u tal-livell ta' kisba tal- miri diġitali. Dik id-data għandha, fejn possibbli, tkun diżaggregata, skont il-ġeneru u skont ir-reġjun, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Meta l-istatistika rilevanti tal-Istati Membri ma tkunx disponibbli, il-Kummissjoni tista' tuża metodoloġija alternattiva għall-ġbir tad-data, bħal studji jew ġbir dirett tad-data mill-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, inkluż biex jiġi żgurat li l-livell reġjonali jiġi ddokumentat kif suppost. L-użu ta' dik il-metodoloġija alternattiva għall-ġbir tad-data ma għandux jaffettwa l-kompiti tal-Kummissjoni (Eurostat) kif stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE¹.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE tas-17 ta' Settembru 2012 dwar l-Eurostat (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49).

3. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għandha tistabbilixxi trajettorji proġettati fil-livell tal-Unjoni għal kull wieħed mill-miri diġitali. Dawk it-trajettorji proġettati għandhom iservu bħala bażi għall-monitoraġġ tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 1 u għall-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-deċennju diġitali tal-Istati Membri ("il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali"). Meta meħtieġ, fid-dawl tal-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi jew tas-soċjetà, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għandha taġġorna waħda jew aktar minn dawk it-trajettorji proġettati. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trajettorji proġettati fil-livell tal-Unjoni u l-aġġornamenti tagħhom b'mod f'waqtu.

Artikolu 6

Rapport dwar l-istat tad-Deċennju Diġitali

1. Il-Kummissjoni għandha kull sena tissottometti u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport komprensiv dwar l-istat tad-Deċennju Diġitali ("ir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali"). Ir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali għandu jkopri l-progress fir-rigward tat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni u d-DESI.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-ewwel Rapport tagħha dwar id-Deċennju Diġitali sa... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni].

2. Fir-Rapport dwar d-Deċennju Diġitali, il-Kummissjoni għandha tipprovdi valutazzjoni tal-progress tat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni lejn il-miri diġitali, kif ukoll l-istat ta' konformità mal-oġġettivi ġenerali. Il-valutazzjoni tal-progress li jkun sar għandha tkun ibbażata, b'mod partikolari, fuq l-analiżi u l-KPIs fid-DESI mqabbla mat-trajettorji proġettati fil-livell tal-Unjoni u mat-trajettorji proġettati f' dak nazzjonali, b'kont meħud, fejn applikabbli u possibbli, tal-analiżi tad-dimensjoni reġjonali. Il-valutazzjoni tal-progress li jkun sar għandha tkun ibbażata wkoll, fejn applikabbli, fuq l-istabbiliment ta' proġetti multinazzjonali u l-progress dwarhom.
3. Fir-rapport dwar d-Deċennju Diġitali, il-Kummissjoni għandha tidentifika lakuni u nuqqasijiet sinifikanti u tirrakkomanda politiki, miżuri jew azzjonijiet li jridu jieħdu l-Istati Membri f'oqsma li ma għamlux progress biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali u l-miri diġitali. Dawk il-politiki, il-miżuri jew l-azzjonijiet rakkomandati jistgħu, b'mod partikolari, jindirizzaw:
- (a) il-livell ta' ambizzjoni tal-kontribuzzjonijiet u tal-inizjattivi proposti mill-Istati Membri, bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali u l-miri diġitali;
 - (b) il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri, inkluż, fejn rilevanti, għad-dimensjoni reġjonali, u politiki u miżuri oħrajn ta' rilevanza transfruntiera potenzjali;
 - (c) kwalunkwe politika, miżura jew azzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa sabiex jiġu aġġustati l-pjanijiet direzzjonali;

- (d) l-interazzjonijiet bejn il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet eżistenti u ppjanati u l-konsistenza tagħhom.
4. Ir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali għandu jqis l-impenji konġunti kif imsemmija fl-Artikolu 8(4), kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom.
 5. Ir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-progress rigward il-politiki, il-miżuri jew l-azzjonijiet rakkomandati msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u konklużjonijiet maqbula b'mod reċiproku skont l-Artikolu 8(7) u l-implimentazzjoni tagħhom.
 6. Ir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali għandu jivvaluta l-ħtieġa għal kwalunkwe politika, miżura jew azzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa fil-livell tal-Unjoni.

Artikolu 7

Pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-deċennju diġitali

1. Sa ... [disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni], kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni il-pjan direzzjonali nazzjonali tiegħu. Il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali għandhom ikunu konsistenti mal-oġettivi ġenerali u mal-miri diġitali, u għandhom jikkontribwixxu biex dawn jintlaħqu fil-livell tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom iqisu l-inizjattivi settorjali rilevanti u jrawmu il-konsistenza magħhom.

2. Kull pjan direzzjonali nazzjonali għandu jinkludi dan li ġej:
 - (a) il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet ewlenin ippjanati, adottati u implimentati li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ġenerali u l-miri diġitali;
 - (b) trajettorji proġettati nazzjonali li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri diġitali rilevanti li jistgħu jitkejlu fil-livell nazzjonali, filwaqt li d-dimensjoni reġjonali hija riflessa fejn possibbli fil-pjanijiet direzzjonali nazzjonali;
 - (c) iż-żmien, u l-impatt mistenni għall-kisba tal-objettivi ġenerali u l-miri diġitali, tal-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet ippjanati, adottati u implimentati msemmija fil-punt (a).

3. Il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jindikaw wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:
 - (a) il-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali direttament applikabbli;
 - (b) impenn wieħed jew aktar meħuda biex jiġu adottati dawk il-politiki, il-miżuri jew l-azzjonijiet;
 - (c) ir-riżorsi finanzjarji pubbliċi allokat;
 - (d) ir-riżorsi umani mobilizzati;
 - (e) kwalunkwe fatturi abilitanti kritiċi oħra relatati mal-kisba tal-objettivi ġenerali u mal-miri diġitali li huma jikkostitwixxu.

4. Fil-pjanijiet direzzjonali nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu stima tal-investimenti u r-riżorsi meħtieġa biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi ġenerali u tal-miri diġitali, kif ukoll deskrizzjoni ġenerali tas-sorsi ta' dawk l-investimenti, kemm jekk pubbliċi jew privati, inkluż, fejn applikabbli, l-użu ppjanat tal-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni. Il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali jistgħu jinkludu proposti għal proġetti multinazzjonali.
5. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu pjanijiet direzzjonali reġjonali. L-Istati Membri għandhom jistinkaw biex jallinjaw tali pjanijiet direzzjonali reġjonali mal-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom, u jistgħu jintegrawhom fihom, sabiex jiżguraw li l-oġettivi ġenerali u l-miri diġitali jiġu segwiti fit-territorji kollha tagħhom.
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom iqisu l-aktar rakkomandazzjonijiet reċenti speċifiċi għall-pajjiżi maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. L-aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali nazzjonali għandhom iqisu bis-sħiħ il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati skont l-Artikolu 6(3).
7. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi gwida u appoġġ lill-Istati Membri fit-tnejn tal-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom, inkluż, fejn possibbli, dwar kif għandhom jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, meta possibbli b'teħid inkunsiderazzjoni tad-dimensjoni reġjonali, trajettorji proġettati nazzjonali xierqa li jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kisba tat-trajettorji proġettati fil-livell tal-Unjoni.

Artikolu 8

Mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin mill-qrib biex jidentifikaw modi kif jindirizzaw in-nuqqasijiet f'oqsma fejn il-progress fil-kisba ta' mira diġitali waħda jew iktar jitqies mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri li ma huwiex biżżejjed jew meta jkunu ġew identifikati lakuni u nuqqasijiet sinifikanti abbażi tar-riżultati tar-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali. Dik l-analiżi għandha tqis, b'mod partikolari, id-diversi kapaċitajiet tal-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-kisba ta' uħud minn dawk il-miri diġitali u r-riskju li d-dewmien fil-kisba ta' uħud minn dawk il-miri jista' jkollu effett detrimentali fuq il-kisba ta' miri diġitali oħrajn.
2. Fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tar-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiddiskutu l-osservazzjonijiet preliminari tal-Istat Membru, b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha.

3. Fi żmien ħames xhur mill-pubblikazzjoni tat-tieni Rapport dwar id-Deċennju Diġitali u minn hemm 'il quddiem kull sentejn, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom li jikkonsistu f'politiki, miżuri u azzjonijiet li jkollhom il-ħsieb li jwettqu, inkluż, meta rilevanti, proposti għal proġetti multinazzjonali, biex jitrawwem il-progress fil-kisba tal-oġettivi ġenerali u fl-oqsma kkonċernati mill-miri diġitali. Jekk Stat Membru jqis li ma tkun meħtieġa l-ebda azzjoni u li l-pjan direzzjonali nazzjonali tiegħu ma jkunx jeħtieġ li jiġi aġġornat, dan għandu jipprovdi r-raġunijiet tiegħu lill-Kummissjoni.

4. Fi kwalunkwe punt waqt il-kooperazzjoni skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jew tal-inqas żewġ Stati Membri, jistgħu jieħdu impenji konġunti, jikkonsultaw Stati Membri oħrajn dwar il-politiki, il-miżuri jew l-azzjonijiet, jew jistabbilixxu proġetti multinazzjonali. Tali impenji konġunti jistgħu jittieħdu mill-Kummissjoni u minn wieħed jew iktar Stati Membri jew minn tal-inqas żewġ Stati Membri. Tali proġetti multinazzjonali għandhom jinvolve l-parteċipazzjoni ta' mill-inqas tliet Stati Membri, skont l-Artikolu 10. L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll li jitnieda proċess ta' rieżami bejn il-pari rigward aspetti speċifiċi tal-politiki, il-miżuri jew l-azzjonijiet tagħhom, u b'mod partikolari dwar l-adegwatezza ta' daww il-politiki, miżuri jew azzjonijiet biex jikkontribwixxu għall-kisba ta' mira diġitali speċifika, kif ukoll biex jiġu sodisfatti l-obbligi u għat-twettieq tal-kompiti previsti f'din id-Deċiżjoni. L-eżitu tal-proċess ta' rieżami bejn il-pari jista' jiġi inkluż fir-Rapport li ġej dwar id-Deċennju Diġitali, jekk l-Istat Membru kkonċernat jaqbel.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati li jkollha l-ħsieb li tinkludi fir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport.
6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin mill-qrib sabiex jissodisfaw l-obbligi u jwettqu l-kompiti previsti f'din id-Deċiżjoni. Għal dak l-għan, kull Stat Membru jista' jibda djalogu, jew mal-Kummissjoni jew inkella mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe suġġett rilevanti għall-kisba tal-oġettivi ġenerali u tal-miri diġitali. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-assistenza teknika, s-servizzi u l-għarfien espert xierqa kollha u għandha torganizza skambju strutturat tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki u għandha tiffaċilita l-koordinazzjoni.
7. F'każ ta' devjazzjoni sinifikanti jew kontinwa mit-trajettorji proġettata nazzjonali, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jibdew djalogu strutturat ma' xulxin.

Id-djalogu strutturat għandu jkun ibbażat fuq analiżi speċifika ta' kif tali devjazzjoni, tista' taffettwa l-kisba kollettiva tal-oġettivi ġenerali u l-miri diġitali, fid-dawl tal-evidenza u d-data fir-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali. L-għan tad-djalogu strutturat għandu jkun li jipprovdi gwida u appoġġ lill-Istat Membru kkonċernat biex jidentifika l-aġġustamenti xierqa għall-pjan direzzjonali nazzjonali tiegħu jew kwalunkwe miżura oħra li tkun meħtieġa. Id-djalogu strutturat għandu jirriżulta f'konklużjonijiet maqbula b'mod reċiproku, li għandhom jitqiesu fl-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu mill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni għandha tagħti tagħrif kif xieraq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċess ta' djalogu strutturat u għandha tippreżentalhom il-konklużjonijiet maqbula b'mod reċiproku.

Artikolu 9

Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

1. Il-Kummissjoni għandha, fil-ħin u b'mod trasparenti u fuq bażi regolari, tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi, inkluż mar-rappreżentanti tal-SMEs, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, biex tiġbor l-informazzjoni u tiżviluppa l-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-eżitu tal-konsultazzjonijiet imwettqa skont dan l-Artikolu.

2. L-Istati Membri għandhom, b'mod f'waqtu u f'konformità mal-liġi nazzjonali, jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi, inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, kif ukoll ir-rappreżentanti reġjonali u lokali, meta jadottaw il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom u l-aġġustamenti għalihom.

Artikolu 10

Proġetti multinazzjonali

1. Proġetti multinazzjonali għandhom jiffaċilitaw il-kisba tal-oġġettivi ġenerali u tal-miri diġitali.
2. Il-roġetti multinazzjonali għandhom jimmiraw li jiksbu wieħed jew aktar mill-għanijiet speċifiċi li ġejjin:
 - (a) it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u fost l-Istati Membri fil-kisba tal-oġġettivi ġenerali;
 - (b) it-tisħiħ tal-eċċellenza teknoloġika, tat-tmexxija, tal-innovazzjoni u tal-kompetittività industrijali tal-Unjoni fir-rigward ta' teknoloġiji kritiċi, il-kombinazzjonijiet ta' teknoloġija komplementari, u l-prodotti, l-infrastruttura u s-servizzi diġitali essenzjali għall-irkupru ekonomiku u t-tkabbir kif ukoll għas-sigurtà u s-sikurezza tal-individwi;
 - (c) l-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni tul il-ktajjen tal-provvista diġitali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom;

- (d) iż-żieda tad-disponibbiltà u l-promozzjoni tal-aħjar użu ta' soluzzjonijiet diġitali sikuri f'oqsma ta' interess pubbliku u fis-settur privat filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tan-newtralità teknoloġika;
- (e) il-kontribut għal trasformazzjoni diġitali inklużiva u sostenibbli tal-ekonomija u tas-soċjetà ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u għan-negozji kollha madwar l-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs;
- (f) il-promozzjoni tal-ħiliet diġitali għaċ-ċittadini permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, b'enfasi fuq it-trawwim ta' parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri fl-opportunitajiet ta' istruzzjoni u ta' karriera;

Lista indikattiva ta' oqsma possibbli ta' attivitajiet li fihom jistgħu jiġu stabbiliti proġetti multinazzjonali li jindirizzaw dawk l-oġettivi speċifiċi hija stabbilita fl-Anness.

3. Proġett multinazzjonali għandu jinvolve l-parteċipazzjoni ta' mill-inqas tliet Stati Membri.
4. Fejn ikun xieraq, Stat Membru li jkun qed jipparteċipa fi proġett multinazzjonali jista' jiddelega l-implimentazzjoni tal-parti tiegħu ta' dak il-proġett lil reġjun, f'konformità mal-pjan direzzjonali nazzjonali tiegħu.

5. Il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda, skont l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 8(4), li Stati Membri jipproponu proġett multinazzjonali jew jipparteċipaw f'laqgħa ta' proġett multinazzjonali li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqies il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet direzzjonali nazzjonali rilevanti. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jintrabtu wkoll li jistabbilixxu, jew jissieħbu fi, proġett multinazzjonali bħala impenn konġunt.

Artikolu 11

L-għażla u l-implimentazzjoni ta' proġetti multinazzjonali

1. Filwaqt li tqis il-proposti għal proġetti multinazzjonali fil-pjanijiet direzzjonali nazzjonali u l-impenji konġunti, il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tħejji u tippublika, bħala anness għar-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali, il-prinċipji u l-prijoritajiet strateġiċi għall-implimentazzjoni ta' proġetti multinazzjonali, u rapport ta' progress dwar il-proġetti multinazzjonali magħżula għall-implimentazzjoni fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tar-Rapport dwar id-Deċennju Diġitali.
2. Il-programmi u l-iskemi ta' investiment kollha tal-Unjoni jistgħu, jekk ikunu permessi mill-atti li jistabbilixxuhom, jikkontribwixxu għal proġett multinazzjonali.

3. Pajjiż terz jista' jipparteċipa fi proġett multinazzjonali jekk dak il-pajjiż ikun assoċjat ma' programm tal-Unjoni ġestit direttament li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni, u jekk il-parteċipazzjoni tiegħu tkun meħtieġa biex tiffaċilita l-kisba tal-oġġettivi ġenerali u tal-miri diġitali fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Tali pajjiż terz assoċjat, inkluż fil-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu, għandhom jikkonformaw mar-regoli li jirriżultaw mill-programmi tal-Unjoni u l-iskemi ta' investiment li jikkontribwixxu għall-proġett multinazzjonali.
4. Entitajiet oħrajn, kemm jekk pubbliċi jew privati, jistgħu jikkontribwixxu għal proġetti multinazzjonali, meta xieraq. Il-kontribuzzjonijiet privati komplementari għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-iskop u l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(1) u (2) u għandhom jappoġġaw, fejn rilevanti, aċċess miftuħ għar-riżultati u l-użu mill-ġdid tagħhom fl-interess taċ-ċittadini u n-negozji fl-Unjoni.
5. Il-Proġetti multinazzjonali jistgħu jiġu implimentati permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-mekkaniżmi li ġejjin:
 - (a) impriżi konġunti;
 - (b) il-Konsorzji Ewropej għall-Infrastruttura tar-Riċerka;
 - (c) l-aġenziji tal-Unjoni;

- (d) indipendentement mill-Istati Membri kkonċernati;
- (e) il-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b), TFUE;
- (f) il-konsorzji Ewropej għall-infrastruttura diġitali, f'konformità mal-Artikoli 13 sa 21;
- (g) mekkaniżmi ta' implimentazzjoni xieraq oħra.

Artikolu 12

Aċċelleratur ta' roġetti multinazzjonali

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba tal-Istati Membri parteċipanti jew fuq inizzjattiva tagħha stess, u bi qbil mal-Istati Membri parteċipanti, tikkoordina l-implimentazzjoni ta' proġett multinazzjonali, f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5, li jaġixxi bħala aċċelleratur tal-proġett multinazzjonali.
2. Bħala l-ewwel pass ta' koordinazzjoni, il-Kummissjoni għandha tindirizza lill-Istati Membri kollha sejħa għal espressjonijiet ta' interess. Is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess għandu jkollha l-għan li tistabbilixxi liema Stati Membri għandhom il-ħsieb li jipparteċipaw fil-proġett multinazzjonali u x'kontribuzzjoni finanzjarja jew mhux finanzjarja jipproponu li jipprovdu.

3. Bħala t-tieni pass ta' koordinazzjoni, jekk mill-inqas tliet Stati Membri jesprimu interess fi proġett multinazzjonali u jipproponu impenji finanzjarji jew mhux finanzjarji għal dak il-proġett, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta l-Istati Membri kollha, għandha ttiprovdi gwida dwar l-għażla tal-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni xieraq, dwar is-sorsi ta' finanzjament u dwar il-kombinazzjoni tagħhom fi ħdan il-proġett, kif ukoll dwar aspetti strateġiċi oħrajn relatati mal-implimentazzjoni ta' dak il-proġett.
4. Il-Kummissjoni tista' ttiprovdi lill-Istati Membri gwida rigward it-twaqqif ta' konsorzju Ewropew għall-infrastruttura diġitali (EDICs) skont l-Artikolu 14.
5. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti multinazzjonali billi ttiprovdi, kif xieraq, is-servizzi u r-riżorsi msemmija fl-Artikolu 8(6).

Artikolu 13

L-oġġettiv u l-istatus ta' EDICs

1. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proġett multinazzjonali permezz ta' EDIC.
2. Kwalunkwe Stat Membru jista' jkun irrappreżentat minn entità pubblika waħda jew iktar, inkluż reġjuni, jew minn entitajiet privati b'missjoni ta' servizz pubbliku fir-rigward tal-eżerċizzju ta' drittijiet speċifiċi u fit-twettiq ta' obbligi speċifiċi bħala membru ta' EDIC.

3. EDICs għandu jkollhom personalità ġuridika mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 14(3), il-punt (a).
4. EDICs għandu jkollhom, f'kull Stat Membru, l-aktar kapacià ġuridika estensiva mogħtija lill-entitajiet ġuridiċi skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Huma jistgħu, b'mod partikolari, jakkwistaw, jipposedu u jiddisponu minn proprjetà mobbli, immobbli u intellettuali, jikkonkludu kuntratti u jkunu parti fi proċedimenti legali.
5. EDICs għandu jkollhom sede statutorja, li għandha tkun tinsab fit-territorju ta' Stat Membru li jkun membru li jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja jew mhux finanzjarja kif imsemmija fl-Artikolu 15(1).

Artikolu 14

It-twaqqif ta' EDIC

1. L-Istati Membri li japplikaw għat-twaqqif ta' EDIC għandhom jissottomettu applikazzjoni bil-miktub lill-Kummissjoni. L-applikazzjoni għandu jkun fiha dawn li ġejjin:
 - (a) talba lill-Kummissjoni biex twaqqaf l-EDIC;

- (b) l-Istatuti proposti tal-EDIC;
- (c) deskrizzjoni teknika tal-proġett multinazzjonali li għandu jiġi implimentat mill-EDIC;
- (d) dikjarazzjoni mill-Istat Membru ospitanti dwar jekk jirrikonossix l-EDIC bħala korp internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 143(1), punt(g), u fl-Artikolu 151(1), punt (b), tad-Direttiva 2006/112/KE u bħala organizzazzjoni internazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 12(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2008/118/KE, mid-data li fiha twaqqaf l-EDIC.

Il-limiti u l-kundizzjonijiet tal-eżenzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim bejn il-membri tal-EDIC.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni abbażi tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Għandha tqis l-oġettivi ġenerali, kif ukoll l-iskopjiet u l-għanijiet tal-proġett multinazzjonali, skont l-Artikolu 10(1) u (2), u konsiderazzjonijiet prattiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett multinazzjonali li jkun ser jiġi implimentat mill-EDIC.

3. Il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tadotta permezz ta' atti ta' implimentazzjoni waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) deċiżjoni li twaqqaf l-EDIC, wara li jkun ikkonkluda li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 13 sa 21 huma ssodisfati; jew
- (b) deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni, jekk tikkonkludi li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 13 sa 21 ma jkunux issodisfati, inkluż fin-nuqqas tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, punt (d), ta' dan l-Artikolu.

F'każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jiffurmaw konsorzju permezz ta' ftehim. Tali konsorzju ma għandux jitqies li jkun EDIC u ma għandux jibbenefika mill-istruttura ta' implimentazzjoni stabbilita fl-Artikoli 13 sa 21.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

4. Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, punt (a) jew (b), għandhom jiġu nnotifikati lill-Istat Membru applikant. Meta l-applikazzjoni tiġi rifjutata, id-deċiżjoni għandha tiġi spjegata f'termini ċari u preċiżi.

5. Il-Kummissjoni għandha tannetti l-elementi essenzjali tal-Istatuti tal-EDIC imsemmija fl-Artikolu 17(1), punti (c), (d), (e) u (i), tad-deċiżjoni li tistabbilixxi EDIC.

Deċiżjonijiet li jistabbilixxu EDIC għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista aċċessibbli għall-pubbliku tal-EDICs stabbiliti, u għandha taġġorna l-lista fil-ħin u b'mod regolari.

Artikolu 15

Sħubija f'EDIC

1. Is-sħubija f'EDIC għandha tinkludi mill-inqas tliet Stati Membri.

Huma biss l-Istati Membri li jipprovdu kontribuzzjoni finanzjarja jew mhux finanzjarja li għandhom ikunu eliġibbli li jsiru membri tal-EDIC. Tali Stati Membri għandu jkollhom drittijiet tal-vot.

2. Wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi EDIC, Stati Membri oħrajn jistgħu jsiru membri fi kwalunkwe ħin, fuq termini ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu speċifikati fl-Istatuti tal-EDIC.

3. L-Istati Membri li la jipprovdu kontribuzzjoni finanzjarja u lanqas mhux finanzjarja jistgħu jissieħbu f'EDIC bħala osservaturi billi jinnotifikaw l-EDIC. Tali Stati Membri ma għandhomx ikollhom drittijiet tal-vot.

4. Is-sħubija f'EDIC tista' tkun miftuħa għal entitajiet li mhumiex Stati Membri, li jistgħu jinkludu, pajjiżi terzi kif imsemmija fl-Artikolu 11(3), organizzazzjonijiet internazzjonali ta' interess Ewropew u entitajiet pubbliċi jew privati, kif speċifikat fl-Istatuti tal-EDIC. Fejn entitajiet għajr l-Istati Membri huma membri ta' EDIC, l-Istati Membri għandu jkollhom b'mod konġunt il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot fl-assemblea tal-membri, irrispettivament mill-ammont ta' kontribuzzjonijiet minn entitajiet għajr l-Istati Membri.

Artikolu 16

Governanza ta' EDIC

1. EDIC għandu jkollu mill-inqas iż-żewġ korpi li ġejjin:
- (a) assemblea tal-membri magħmula mill-Istati Membri, minn entitajiet oħrajn imsemmija fl-Artikolu 15(4), u mill-Kummissjoni, fejn l-assemblea hija l-korp li jkollu setgħat sħaħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż l-adozzjoni tal-baġit;
 - (b) direttur, maħtur mill-assemblea tal-membri, bħala l-korp eżekuttiv u r-rappreżentant legali tal-EDIC.

2. Il-Kummissjoni għandha tipparteċipa fid-deliberazzjonijiet tal-assemblea tal-membri, mingħajr ma jkollha dritt tal-vot. Madankollu, meta programm tal-Unjoni għestit ċentralment jikkontribwixxi finanzjarjament għal proġett multinazzjonali, il-Kummissjoni għandu jkollha dritt ta' veto kontra deċiżjonijiet tal-assemblea relatati biss ma' azzjonijiet iffinanzjati taħt programmi tal-Unjoni għestiti ċentralment.

Id-deċiżjonijiet tal-assemblea għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fi żmien 15-il jum mill-adozzjoni tagħhom.

3. L-Istatuti ta' EDIC għandhom jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-governanza, skont il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 17

Statuti ta' EDIC

1. L-Istatuti ta' EDIC għandu jkun fihom mill-inqas dawn li ġejjin:
 - (a) lista ta' membri u osservaturi u l-proċedura għall-bidliet fis-sħubija u fir-rappreżentanza, li jipprovdu d-dritt tal-Istati Membri mhux parteċipanti li jissieħbu fl-EDIC;
 - (b) deskrizzjoni dettaljata tal-proġett multinazzjonali, il-kompiti tal-membri, jekk applikabbli, u skeda ta' żmien indikattiva;

- (c) is-sede statutorja u l-isem tal-EDIC;
 - (d) id-dewmien tal-EDIC, u l-proċedura għall-istralċ tiegħu skont l-Artikolu 20;
 - (e) ir-reġim tar-responsabbiltà tal-EDIC, skont l-Artikolu 18;
 - (f) id-drittijiet u l-obbligi tal-membri, inkluż l-obbligu li jagħmlu kontribuzzjonijiet għall-baġit;
 - (g) id-drittijiet tal-vot tal-membri;
 - (h) ir-regoli dwar is-sjieda tal-infrastruttura, tal-proprjetà intellettuali, tal-profitti u ta' assi oħrajn, kif applikabbli;
 - (i) informazzjoni dwar id-dikjarazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fl-Artikolu 14(1), punt (d).
2. Emendi tal-elementi essenzjali tal-Istatuti ta' EDIC kif imsemmija fil-paragrafu 1, punti (c), (d), (e) u (i), ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 14.
3. L-emendi tal-Istatuti ta' EDIC għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mill-EDIC fi żmien 10 ijiem mill-adozzjoni tagħhom.

4. Il-Kummissjoni tista' toġġezzjona għal emendi fi żmien 60 jum minn meta jiġu ppreżentati taħt il-paragrafu 3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi raġunijiet għal tali oġġezzjoni u għandha tispjega r-raġuni għaliex l-emendi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' din id-Deċiżjoni.
5. Emenda ma għandhomx jieħdu effett qabel ma jkun skada l-perjodu ta' skadenza msemmi fil-paragrafu 4, qabel ma jitneħħa dan il-perjodu ta' skadenza mill-Kummissjoni, jew qabel ma tkun irtirata l-oġġezzjoni tal-Kummissjoni.
6. L-applikazzjoni għal emenda għandu jkun fiha dan li ġej:
 - (a) it-test tal-emenda kif proposta jew adottata, inkluż id-data li fiha tidħol fis-seħħ jew daħlet fis-seħħ;
 - (b) il-verżjoni kkonsolidata aġġornata tal-Istatuti EDIC.

Artikolu 18

Responsabbiltà ta' EDIC

1. EDIC għandu jkun responsabbli għad-djun tiegħu.

2. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-membri għad-djun tal-EDIC għandha tkun limitata għall-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom ipprovduti lill-EDIC. Il-membri jistgħu jispeċifikaw fl-Istatuti li huma ser jassumu responsabbiltà fissa 'l fuq mill-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom jew responsabbiltà illimitata.
3. L-Unjoni ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe dejn tal-EDIC.

Artikolu 19

Il-liġi u l-ġurisdizzjoni applikabbli

1. It-twaqqif u l-funzjonament intern ta' EDIC għandhom ikunu regolati:
 - (a) mil-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari b'din id-Deċiżjoni;
 - (b) mil-liġi tal-Istat Membru fejn l-EDIC ikollu s-sede statutorja tiegħu fil-każ ta' kwistjonijiet mhux regolati, jew regolati parzjalment biss mil-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari, din id-Deċiżjoni;
 - (c) mill-Istatuti u mir-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom.
2. Mingħajr preġudizzju għall-każijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jkollha ġurisdizzjoni skont it-Trattati, il-liġi tal-Istat Membru fejn EDIC ikollu s-sede statutorja tiegħu għandha tiddetermina l-ġurisdizzjoni kompetenti għas-soluzzjoni ta' tilwim fost il-membri b'rabta mal-EDIC, bejn il-membri u l-EDIC, u bejn l-EDIC u partijiet terzi.

Artikolu 20
Stralċ ta' EDIC

1. L-Istatuti ta' EDIC għandhom jiddeterminaw il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-istralċ tiegħu wara deċiżjoni tal-assemblea tal-membri għal dan il-għan. L-istralċ ta' EDIC jista' jkun jinkludi t-trasferiment ta' attivitajiet tiegħu lil entità ġuridika oħra.
2. Ir-regoli ta' insolvenza tal-Istat Membru fejn EDIC ikollu s-sede statutorja tiegħu għandhom japplikaw fil-każ li EDIC ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu.

Artikolu 21
Rapportar u kontroll ta' EDIC

1. EDIC għandu jipproduċi rapport annwali tal-attività, b'deskrizzjoni teknika tal-attivitajiet tiegħu, u rapport finanzjarju. Ir-rapporti għandhom jiġu approvati mill-assemblea tal-membri u jintbagħat lill-Kummissjoni. Ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi gwida rigward il-kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti fir-rapport annwali tal-attività.

Artikolu 22

Għoti ta' informazzjoni mill-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom, wara talba mill-Kummissjoni, jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lilha biex twettaq il-kompiti tagħha skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari rigward l-informazzjoni meħtieġa sabiex timplimenta l-Artikoli 7 u 8. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettiq tal-kompiti tagħha. Meta l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta tkun tinkludi data pprovduta qabel mill-impriżi fuq talba ta' Stat Membru, dawn l-impriżi għandhom jiġu informati b'dan qabel mal-Istati Membri jipprovdu d-data lill-Kummissjoni.

Artikolu 23

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 24
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNES

Oqsma ta' attività

Oqsma ta' attività mhux eżawrjenti:

- (a) Infrastruttura u servizzi tad-data komuni Ewropej;
- (b) L-għoti ta' proċessuri tal-ġenerazzjoni li jmiss b'konsum baxx tal-enerġija lill-Unjoni;
- (c) L-iżvilupp tal-introduzzjoni pan-Ewropea tal-kurrituri 5G;
- (d) L-akkwist ta' supercomputers u kompjuters kwantistiċi, konnessi mal-computing ta' prestazzjoni għolja Ewropew (EuroHPC);
- (e) L-iżvilupp u l-użu ta' infrastrutturi tal-komunikazzjoni ultrasiguri, kwantistiċi u bbażati fl-ispazju;
- (f) L-introduzzjoni ta' network ta' ċentri tal-operazzjonijiet tas-sigurtà;
- (g) Amministrazzjoni pubblika konnessa;

- (h) Infrastruttura Ewropea tal-blockchain għas-servizzi;
 - (i) Hubs ta' innovazzjoni diġitali Ewropej (EDIHs);
 - (j) Sħubijiet ta' teknoloġija avvanzata għall-ħiliet diġitali permezz tal-inizjattiva "Patt għall-ħiliet" immedija mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 intitolata "Aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza";
 - (k) Ĥiliet u taħriġ fiċ-ċibersigurtà;
 - (l) Proġetti oħra li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 11 u li jsiru meħtieġa għall-kisba tal-oġġettivi ġenerali tal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali maż-żmien minħabba żviluppi soċjali, ekonomiċi jew ambjentali emerġenti.
-